**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 41 - L-ERBGĦA 25 TA' MEJJU 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:49.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1 Kulħadd kien preżenti u għalhekk ma kienx hemm apoloġiji.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 40 li saret l-Erbgħa 27 ta' April 2022** li kienu meqjusa moqrija.

2.2 Il-Kunsillier Spiteri talab li tiġi emendata numru 10.5 biex titneħħa l-kelma "terġa'". Il-mozzjoni għall-emenda għaddiet *nem con*.

2.3 Il-minuti ġew approvati kif emendati (*nem con*) wara proposta mill-Kunsillier Cuomo ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

2.4 Il-Kunsillier Spiteri staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward Triq it-Torri tal-Kaptan. Is-Sindku infurmatu li l-kommunikazzjoni qegħda fil-proċess biex tiġi diskussa.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-kommunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fit-2 ta' Mejju s-Sindku kellha laqgħa ma' Infrastructure Malta fejn ġie diskuss il-każ fi Triq Qalet Marku f'Baħar iċ-Ċagħaq meta dar sofriet danni minħabba għargħar f'Novembru 2021 kaġun ta' allegat kanal miżdud taħt l-istess propjetà. IM qalet li lesta tagħmel devjazzjoni tal-kanal kemm-il darba dawn ir-residenti ma jipproċedux kontra IM. Sadanittant il-Kunsill ikkomunika mal-assikuraturi tal-Kunsill li min-naħa tagħhom talbu biex kull komunikazzjoni mal-propjetarji tgħaddi mingħand l-assikuraturi biss. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-SE u l-Kunsillier Brincat.

3.3 Is-Sindku infurmat li talbet lil Infrastructure Malta għal informazzjoni dwar meta se jsiru t-toroq Leli Falzon u Vjal 21 ta' Settembru iżda għad ma kelliexl- informazzjoni rigward dan.

3.4 Hi infurmat li ntbagħtu l-awguri lill-Ministri, Segretarju Parlamentari u l-Kelliem tal-Opożizzjoni responsabbli mill-Gvern Lokali kif ukoll lid-Deputati eletti fuq it-12 u l-10 distrett u kif ukoll intalab biex isiru laqgħat magħhom.

3.4.1 Apparti li fil-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari ssir insistenza fuq il-*Bye Law* tal-*Caravans* talbet biex min għandu suġġerimenti biex jiġu diskussi għandhom jibgħatu mill-aktar fis. Hija ssuġeriet dawn li ġejjin:

3.4.1.1 Htieġa ta' aktar awtonomija, b'riferenza partikulari għaċ-*Charter for Local Self Government* tal-Kunsill tal-Ewropa li l-Gvern Malti huwa firmatarju tiegħu u li rratifika apparti l-klawsola li titkellem fuq taxxi lokali.

3.4.1.2 Biex il-Kunsilli jkunu awtonomi, irid ikollhom ċertu awtonomija fiskali li mhux neċċessarjament jiġu mit-taxxi diretti.

3.4.1.3 Ma jkunx hemm awtoritajiet regolatorji li jispiċċaw jiddettaw jew jimplimentaw miżuri huma minflok il-Kunsill Lokali.

3.4.1.4 Ir-rappreżentanti lokali jkunu stmati u mhux imwarrba minn kull okkażjoni li jkun hemm. Ir-rappreżentant lokali għandu saħansitra jieħu preċedenza fuq membru parlamentari.

3.5 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni fuq kummenti li saru fuq il-media dwar PA 50471/17. Hi fakkret li l-Kunsill ħa l-kummenti tal-konsulenti u l-amministrazzjoni bagħtet il-kummenti, bl-oġġezzjoni, eżatt kif ikkumentaw il-konsulenti, kif inhi l-proċedura normali. Kulħadd irċieva l-kummenti kollha u għalhekk hi nfurmat li mhux se tressaqha għad-diskussjoni. Żiedet tgħid ukoll li l-Kunsillier Brincat iddikjara b'imejl li għandu kunflitt ta' interess f'din l-applikazzjoni u li ma kienx ikkummenta fuq din l-applikazzjoni. Hi stiednet lill-Kunsillier Brincat jagħmel id-dikjarazzjoni tiegħu waqt il-laqgħa.

3.5.1 Il-Kunsillier Brincat iddikjara li hu dejjem iddikjara li kellu kunflitt ta' interess dwar din l-applikazzjoni kemm fl-imejl kif ukoll f'laqgħat tal-Kunsill preċedenti.

*3.6* Fit-18 ta' Mejju s-Sindku indirizzat konferenza dwar ix-Xogħol u l-Addiction għan-nom tal-President tar-Reġjun Tramuntana. Din il-konferenza kienet organizzata mir-Reġjun Tramuntana flimkien mal-Oasi ġewwa l-lukanda Dolmen. Għal din il-konferenza kien hemm konkorrenza sabiħa u kienet taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta. Wara kien hemm preżentazzjoni fuq l-

inizjattivi tar-Reġjun. Is-Sindku talbet lis-SE biex jibgħat il-preżentazzjoni lil Kunsilliera.

*3.7* Is-Sindku infurmat li l-għada l-Ħamis 26 ta' Mejju kien se jkun hemm laqgħa skedata mal-Ministru tal-Isports iżda l-laqgħa kellha tiġi posposta minħabba funeral li s-Sindku kellha tattendi.

*3.8* Hi infurmat li kellha laqgħa mal-aġenzija li qed tieħu ħsieb il-billboard li qed jissuġerixxu n-Naxxar Lions. Dawn intalbu aktar informazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkunsidra t-talba li għamlu n-Naxxar Lions.

*3.9* Dwar l-outdoor gym is-Sindku infurmat li x-xogħol għaddej ġmielu u fadal madwar 3 ġimgħat sabiex jitlesta x-xogħol tal-kostruzzjoni.

*3.10* Is-Sindku kellha laqgħa ġewwa Birguma By-pass (fejn is-*service road)* u li preżenti kien hemm is-Sur Mario Fava u Infrastructure Malta. Din il-laqgħa saret minħabba li xi żmien ilu r-residenti talbu li titressaq pelican lights viċin Birguma Heights u minħabba problemi li qed ikun hemm fis-*service road*. Se jsir traffic management minn naħa ta' Infrastructure Malta.

*3.11* Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mas-Sur Bjorn Bonello li huwa l-Uffiċjal ġdid tal-Ambjent fir-Reġjun Tramuntana. Ġew diskussi diversi kwistjonijiet u proposti. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-SE.

*3.12* Hi infurmat li saret laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli fejn ġie diskuss il-parkeġġ ta' Baħar iċ-Ċagħaq u proposti ta' spazji miftuħa. Il-Ministru wegħdet li se tikkomunika mal-Kap Eżekuttiv ta' Wasteserv biex 3 darbiet fil-ġimgħa titnaddaf it-triq minn fejn il-Wasteserv sat-Triq il-Kappella ta' Santa Marija, il-Magħtab. Jidher li x-xogħol qed isir minħabba li dak in-nhar stess l-Erbgħa 25 ta' Mejju, s-Sindku rċiviet telefonata mingħand l-istess Kap Eżekuttiv.

*3.13* Dwar Ġnien Santa Marija tal-Anġli, s-Sindku tkellmet mal-Ministru responsabbli l-Onorevoli Stefan Zrinzo Azzopardi sabiex jgħati spjegazzjoni għalfejn qed isir dewmien biex jitlesta l-ġnien. Il-PA tal-Ministru informa lis-Sindku li se jżur il-ġnien nhar it-Tnejn 30 jew it-Tlieta 31 ta' Mejju.

*3.14* Fil- 25 ta' Mejju saret laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija tan-Naxxar fuq is-sigurtà lokali.

*3.15* Fid-9 ta' Ġunju se ssir laqgħa mal-Kumitat tal-Festa flimkien ma' entitajiet oħra. Is-Sindku infurmat lill-Kunsillier Gatt biex ikun preżenti għal-laqgħa. Il-Kunsillier Spiteri fakkar li hu kellu jkun preżenti wkoll. Dwar il-ħin, il-Kunsillieri kellhom jikkomunikaw mal-amministrazzjoni.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Is-SE ressaq mistoqsija mill-Kunsillier Spiteri dwar il-finanzjament tal-proġett tal-Mitħna tal-Għaqba. Il-mistoqsija u t-tweġiba huma annessi f'appendiċi A.

4.2 Il-Kunsillier Spiteri staqsa jekk il-ħlas lill-kuntratturi jsirux min-naħa tal-Kunsill. Is-SE wieġeb li l-pagamenti ma jsirux mill-Kunsill; il-kontijiet jitilgħu fis-sistema u jitħallsu min-naħa tal-Managing Authority wara li l-Kunsill ikun ħallas l-20%.

4.3 Il-Kunsillier Spiteri rringrazzja lis-SE tar-risposta.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji li kienu meqjusa moqrija.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr. 8/41) anness f'appendiċi B.

5.1.2 Lista ta' dħul tax-xahar ta' April anness f'appendiċi Ċ.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' April anness f'appendiċi D.

5.1.4 Lista ta' infiq mill-*petty cash* għax-xahar ta' April anness f'appendiċi E.

5.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con)* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret il-Ħamis 19 ta' Mejju (anness f'appendiċi F).

6.2 Il-Kunsillier Spiteri staqsa fuq punt numru 5. Hu ssuġerixxa li fil-kuntratt jiżdied li l-kuntrattur inaddaf il-parti tat-Triq tal-Labour - mill-bandli l-isfel. Dan minħabba li r-residenti ta' dik l-akwata mhux qed ikunu sodisfatti mill-kuntratturi tal-Gvern li qed inaddfu dik il-parti tat-Triq.

6.2.1 Is-Sindku infurmatu li l-Kunsill irid jiċċekkja kemm se jiġi jiswa. Il-Kunsillier Brincat issuġerixxa li din tkun imniżżla bħala rata separata fil-kuntratt il-ġdid.

6.2.2 Il-Kunsill qabel.

6.3 Il-Kunsill approva dawn il-minuti fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret il-Ħamis 19 ta' Mejju (anness f'appendiċi Ġ). Dawn kienu meqjusa moqrija.

7.2 Il-Kunsillier Spiteri talab li lment numru 11732 tiġi spjegata għall-benefiċċju tar-residenti.

7.2.1 Is-Sindku infurmat li waqt il-laqgħa ġie mifthiem li l-Kunsill jitkellem mal-Uffiċjal Ambjentali tar-Reġjun, li huwa espert tat-traffiku, flimkien mar-residenti dwar din il-problema.

7.2.2 Is-SE informa li l-Kunsill huwa lest li jisma l-opinjoni tar-residenti filwaqt li r-residenti iridu jifhmu d-diffikultajiet tal-Kunsill.

7.3 Il-Kunsillier Gatt issuġerixxa li l-Kunsill ikollu *policy* dwar ir-*road humps* dan biex ir-residenti jifhmu għaliex ċertu talbiet ma jiġux approvati mill-Kunsill.

7.3.1 Is-Sindku ssuġeriet li din il-problema tkun diskussa wkoll mal-Uffiċjal Ambjentali tar-Reġjun sabiex tinħoloq *policy* u l-Kunsill jimxi skond il-gwida tiegħu.

7.3.2 Il-Kunsill qabel.

7.4 Il-Kunsill approva l-minuti wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

8. **EUROPEAN MOBILITY WEEK – ATTIVITÀ SPORTIVA**

8.1 Is-Sindku infurmat li l-European Mobility Week se ssir bejn is-16 u t-23 ta' Settembru.

8.2 Is-SE issuġerixxa li l-Kunsillier Gatt u l-Kunsillier Deguara jikkordinaw bejniethom sabiex tiġi organizzata attività. Aktar 'il quddiem jiġi mifthiem l-immaniġjar tat-traffiku. Jista' jgħati l-każ li din is-sena il-Kunsill jieħu fondi għal din l-inizjattiva jekk jissottometti applikazzjoni interessanti.

8.3 Il-Kunsillier Deguara informa li huwa qed jaħdem biex fit-18 ta' Settembru ssir attività fejn se jkun hemm ħafna dixxiplini sportivi involuti. Dwar fejn se ssir il-pubbliku se jiġi infurmat aktar 'il quddiem. Hu ħeġġeġ li t-tfal għandhom jattendu u jieħdu sehem.

8.4 Is-SE issuġerixxa li għal din l-attività jlaqqgħu kumpaniji ta' sustainable transport u enerġija sabiex tkun attività edukattiva wkoll.

8.5 Il-Kunsill qabel ma' din l-attività.

9. **JUM IN-NAXXAR – ATTIVITÀ LI TIĊĊELEBRA L-ĦAJJA TA' DUN ANTON SCIBERRAS**

9.1 Is-SE ġie avviċinat mill-mużiċist u kompożitur Manoel Pirotta li kellu idea li minħabba li din is-sena taħbat il-mitt sena mit-twelid ta' Dun Anton Sciberras issir attività ddedikata lilu.

9.2 Is-SE informa li Dun Anton Sciberras kien iżomm djarju u jikteb kull ħaġa li tkun qed tiġri fin-Naxxar b'mod li ħalla ħafna informazzjoni interessanti. Hu kiteb ukoll l-innu tan-Naxxar flimkien ma diversi poeżiji u kant tal-Knisja. Huwa persuna li ta ħajtu għal dawk fil-bżonn.

9.3 Mas-Sur Pirotta s-SE issuġerixxa li din l-attività tkun parti minn Jum in-Naxxar. Is-Sur Pirotta qabel ħafna mal-idea u semma li jista' jkun hemm wirja għal ġimgħa filwaqt li l-attività ta' Jum in-Naxxar tku dedikata lil Dun Anton Sciberras permezz ta' mużika u letteratura. Kien suġġerit ukoll li l-attivitajiet isiru fl-Oratorju.

9.4 Il-Kunsill qabel u għalhekk tista' tibda l-kordinazzjoni.

10. **PJAZZA GĦALL-PUBBLIKU**

10.1 Is-Sindku ssuġerit li darba fil-ġimgħa tingħalaq parti mill-Pjazza tan-Naxxar sabiex ikun hemm aktar ħajja. Mhux se jkun hemm ġurnata speċifika meta l-pjazza għandha tingħalaq. It-traffiku xorta jgħaddi min-naħa fejn kien hemm il-każin tal-futbol.

10.2 Is-Sindku pproponiet li l-ewwel il-Kunsill jiltaqa'mal-ħwienet u każini tal-akwata sabiex jara l-ideat tagħhom ukoll.

10.3 Din l-idea se tibda titwettaq għall-ewwel fis-Sajf u mhux bilfors kull darba li tingħalaq il-Pjazza jkun hemm attività.

10.4 Il-Kunsill approva dan is-suġġeriment. Il-Kunsillier Spiteri ivvota kontra filwaqt li ma kien hemm l-ebda astensjoni.

11. **IL-FTUĦ TA' ŻONA GĦALL-PARKEĠĠ F'BIC MINN IM**

11.1 Is-Sindku infurmat li skond il-Pjan Lokali l-parkeġġ li bħalissa ġie miftuħ fi Triq ir-Ridott mhux pjanat li jsir parkeġġ.

11.2 Dan il-ħin is-SE wera l-pjanta lill-Kunsillieri. L-uniku parkeġġ huwa ppjanat fuq in-naħa l-oħra, fejn bħalissa hemm il-pompa tad-drenaġġ.

11.3 Is-Sindku infurmat li saret laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli u ġie diskuss li fiż-żona li bħalissa hemm il-parkeġġ kien ġej proġett ta' tisbieħ. Is-Sindku infurmatha li dan il-proġett kien se jsir mill-Ministeru tat-Turiżmu iżda mill-informazzjoni li kellha, issa dan il-proġett se jgħaddi għand il-Ministeru għall-Ambjent. Il-Ministru Dalli se tikkomunika mal-Kunsill kif ikollha risposta u/jew aktar informazzjoni dwar meta jew jekk se jsir il-proġett.

11.4 Il-Kunsillier Cuomo qajmet il-punt li jekk din il-parti tibqa' miftuħa hemm possibiltà li jibdew jidħlu anki *caravans.*

11.5 Il-Kunsill qabel li tinbgħat korrispondenza lil IM li l-Kunsill qed jimxi skond il-pjanti u allura l-parkeġġ għandu jingħalaq. L-Awtorità tal-Ippjanar se tiġi kkupjata f'din il-korrispondenza

**12. SKEMA TAL-BANDLI**

12.1 Is-Sindku infurmat li hemm skema miftuħa li tagħlaq l-għada l-Ħamis 26 ta' Mejju għall-finanzjament għat-titjib fil-kundizzjonijiet tal-playing fields. F'dan ir-rigward hija qed tipproponi li tkun sottomessa l-applikazzjoni għall-bdil tal-apparat tal-bandli fi Gnien Toni Vella. Minħabba li mhux se jkun hemm żmien bejn il-laqgħa u l-għeluq tal-applikazzjonijiet allura talbet lis-SE biex jikkordina mal-Perit ħalli l-applikazzjoni titħejja fil-ħin.

12.2 Is-SE informa li flimkien mal-Perit u s-Sindku kien hemm qbil li għandu jkun hemm tema speċifika biex jagħmlu l-post aktar interessanti għat-tfal. Il-fatt li l-bandli preżenti jinkludi siġar kbar, raw li t-tema għandha tkun ta' foresta/ġungla u allura l-apparat għandu jkun jixraq mat-tema.

12.3 Kien ikkunsidrat ukoll li l-apparat għandu jakkomoda l-akbar numru ta' tfal possibli fl-istess ħin u li l-materjal ikun sostenibbli u l-inqas li jkollu bżonn manutenzjoni. Huwa fakkar li l-bandli tan-Naxxar jintuża ħafna minn bosta f'kull ħin u f'kull perjodu, anki minn barra n-Naxxar u dan minħabba l-fatt li l-ġnien huwa protett sew mill-elementi speċjalment il-qilla tas-Sajf, grazzi għas-siġar kbar li fih.

12.4 Fattur ieħor huwa li jrid ikun hemm tagħmir għal tfal b'diżabilità ħalli jkun aċċessibbli għall-akbar numru ta' tfal possibbli.

12.5 Huwa spjega li l-kalkolu taż-żmien meħtieġ biex il-proġett jitlesta jistma li sal-aħħar tas-sena jkun tlesta l-proċess relatat max-xiri u l-għażla tal-kuntrattur filwaqt li l-implimentazzjoni ssir fis-sena 2023 biex sal-aħħar ta' Mejju 2023 jkun lest.

12.6 Is-SE ppreżenta l-pjanti lil Kunsillieri biex ikollhom idea aħjar dwar il-proġett kif propost. Hu informa li l-fondi mill-iskema jammontaw għal madwar €45,000 dejjem jekk dawn jingħataw kollha lil Kunsill. Iżda l-ispiża se tkun tiswa €37,700 għat-tagħmir, €2,000 għall-xogħol preliminari u l-art tiġi tiswa €53,160, għal total ta' €92,860.

12.7 Is-SE kompla jispjega li l-intenzjoni oriġinali kienet li jinbidel l-apparat biss minħabba li l-art tal-lakstu għadha fi stat tajjeb. Madankollu, l-istandards riċenti għall-apparat magħżul jitlob li l-lakstu taħt l-apparat ikun iħxen minn dak li hemm fil-preżent. Għalhekk, minflok tinqala l-art preżenti, hija possibbli li jitpoġġa wiċċ addizzjonali fuqu biex iġib l-għoli meħtieġ. Il-wiċċ propost isir b'sistema insitu biex ikun possibbli li jsir ukoll b'disinn ta' passaġġi fih skond il-pjanta li ħejja l-Perit.

12.8 Is-SE finalment fakkar li n-nefqa addizzjonali fuq il-fondi tal-iskema jkunu parti mill-baġit tas-sena d-dieħla minħabba li l-*commitment* mal-kuntrattur ikun jista' jsir fil-bidu tas-sena 2023.

12.9 Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan il-proġett.

**13. SKEMA TAL-MANUTENZJONI TAL-FUNTANI**

13.1 Is-SE informa li f'dan l-istadju ma kellu xejn konkrett f'idu. Hu se jikkomunika mal-inġinier sabiex tinsab soluzzjoni speċjalment għal funtana ta' Ġnien l-Imħalla

13.2 Il-Kunsill qabel unanimament li possibilment issir applikazzjoni taħt din l-iskema.

**14. ASSENJAR TAR-RESPONSABBILTÀ TAT-TURIŻMU U L-EDUKAZZJONI**

14.1 Is-Sindku pproponiet li jkun hemm bidla f'żewġ responsabbiltajiet. Dawn ikunu t-turiżmu li tgħaddi f'idejn il-Kunsilliera Cuomo u l-Edukazzjoni li tiġi assenjata lill-Kunsillier Gatt.

14.2 Il-Kunsill qabel.

**15. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

15.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2022 fis-17:45.

15.2 Il-Laqgħa intemmet fis-19:00.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |